

## DEĊIŻJONI (UE) 2023/1970 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2023

**dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovija Ewropea (qabel it-30 ta' November 2021: l-Impriża Konġunta Shift2Rail) għas-sena finanzjarja 2021**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2021,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Impriża Konġunta tal-UE għas-sena finanzjarja 2021, flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni <sup>(2)</sup> dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2021 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2023 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2021 (06252/2023 — C9-0115/2023),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għall-korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmijin fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0090/2023),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2021;

<sup>(1)</sup> ĠU C 433, 15.11.2022, p. 52.

<sup>(2)</sup> ĠU C 399, 17.10.2022, p. 240.

<sup>(3)</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9.

<sup>(5)</sup> ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17.

<sup>(6)</sup> ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv ad interim tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovarja Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Roberta METSOLA

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Alessandro CHIOCCHETTI

---